KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 477 (9-20)

It-Tnejn 15 ta' Settembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia (daħal għal-laqgħa fis-7.00pm)
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

Il-Kunsillier Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**477.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**477.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**477.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 475 għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**477.2.1** Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 476 għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**477.2.1.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti.

**477.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**477.3.1** Is-Sindku ta merħba lill-Kunsilliera Stephanie Vassallo għal din l-ewwel laqgħa tagħha. Hu qal li mal-ħatra, il-Kunsilliera wegħdet li tonora l-obbligazzjonijiet bħala Kunsillier skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Hu qal li Stephanie kienet diġà tagħti sehem attiv fil-kunsill anka qabel inħatret Kunsilliera fid-dekasteru tal-indafa u kienet inkarigata mill-organizzazzjoni ta' Clean Ups, kif ukoll hija persuna attiva ħafna fil-komunita' u f'diversi għaqdiet fosthom li jirrigwardaw żgħażagħ.

**477.3.2** Responsabiltajiet tal-Kunsillier Stephanie Vassallo

Is-Sindku qal li d-dekasteru tal-Kunsilliera ser ikun: Edukazzjoni inkluż il-librerija pubblika, Eko-Skola, Żgħażagħ u Tfal u l-Ħarsien tal-Annimali.

Il-Kunsilliera Vassallo irringrazzjat u laqgħet bi ħġarha dawn ir-responsabiltajiet.

**477.3.3** Talba għall-għajnuna mill-Każin Banda San Nikola - Attivita' ta' Halloween

Is-Sindku preżenta komunikat mill-Każin Banda San Nikola għall-għajnuna biex tittella' attivita' ta' Halloween fis-shelters. Is-Sindku semma x'qed jintalab u propona li s-Shelters jiġu miftuħa u mnaddfa b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill joħroġ il-permessi għall-attivita' fuq bażi kumplimentari u jsellef stalls u barriers li t-trasport għalihom jiġi provdut mill-organizzaturi (KBSN). Il-koordinament għall-għeluq tat-toroq u sigurtà isir mill-organizzaturi anka fid-dawl li minn Lulju inbidlet is-sistema l-Kunsilli mhux ser jibqgħu jieħdu l-fondi biex jgħinu l-għaqdiet jorganizzaw attivitajiet fejn tidħol żamma ta' ordni u immaniġjar tat-traffiku, għandhom japplikaw l-organizzaturi dirett mal-LESA u l-awtoritajiet. Risk assessment u assikurazzjoni jieħdu ħsieb l-organizzaturi kif ukoll tindif u ġbir ta' skart wara l-attivita'. Il-Kunsill unanimament qabel.

**477.3.4** Claim għad-danni

Is-Sindku preżenta komunikat fejn sar inċident f'ħofra fi Triq Bur il-Kbir u li vettura ġarrbet ħsarat li jammontaw għal €135. Hu qal li ġie verifikat li kien hemm din il-ħofra fin-nofs tat-triq li eventwalment sarilha l-patching. Hu qal li dan jidher li każ ġenwin u propona li jingħata kumpens. Il-Kunsill unanimament qabel.

**477.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Albert Pace talab linja gwida għall-installazzjoni ta' bozoz ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kemm-il darba intalbet linja gwida lill-korporazzjoni Enemalta iżda m'hemmx. Hu qal li kemm il-darba ikun hemm talba għal bozoz ġodda fir-rurali, il-Kunsill għandu jressaq it-talba lill-Enemalta imbagħad nimxu minn hemm.

**477.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**477.5.1** Il-Viċi Sindku qal li qed jistenna data mill-MTA biex titwaħħal il-mappa. Hu qal li t-tabella tan-Nudge Active project tar-Reġjun li twaħħlet fil-pjazza innota li fiha żball fid-direzzjoni u nformahom biex titranġa. Hu qal li flimkien mad-dekasteru ser jibdew bl-ippjanar għall-attivitajiet tal-Milied. Qed jiġu diskussi wkoll lectures kulturali u edukattivi li pjanati jsiru għal Novembru. Qed jistenna wkoll l-istima għan-niċċa ta' San Ġwann biex jiġi stabbilit jekk hux vijabbli tissewwa mill-ħsarat estensivi jew issir ġdida.

**477.5.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li dan l-aħħar ġie nnutat li l-iskart illegali reġa' żdied drastikament. Hu rringrazja lill-pulizija tal-komunita' għall-azzjonijiet meta jkun hemm bżonn u l-koperazzjoni li nsibu mingħandhom. Il-Kunsillier qal li żdiedet ġurnata oħra fl-iskeda fil-ġbir tal-iskart goff għax id-domanda hija kbira. Hu qal li r-residenti qed jużaw ħafna dan is-servizz iżda dan ifisser ukoll spiża ikbar għall-kunsill. Il-Kunsill fakkar fl-attivita' ta' Clean Up nhar is-Sibt li ġej u ħeġġeġ il-parteċipazzjoni. Hu qal li l-anzjani li jattendu iċ-ċentru urew ix-xewqa li jkollhom taħditiet relatati mal-Pink October. Qed jikkoordina mad-Dipartiment tas-Saħħa rigward sessjonijiet ta' ċċekjar (Health checks) minn studenti u l-blood donation unit.

**477.5.3** Il-Kunsillier Stephanie Vassallo qalet li bdiet issegwi l-iskeda ta' korsijiet għax-xitwa mal-amministrazzjoni. Hi qalet li ser ikollha laqgħa mal-Kap tal-Iskola rigward Eko-Skola u inizjattivi edukattivi b'kollaborazzjoni mal-iskola.

**477.5.4** Il-Kunsillier Albert Pace qal li issa appik li jibda x-xogħol fuq il-proġett ta' Għar Lapsi. Qal li d-decking ġarrab ħsara bir-riħ u issa nistgħu nitolbu li jinqala'. Qed isegwi wkoll il-proġett tal-bdil tad-dwal li suppost ser jibda f'Novembru. Il-Kunsillier Pace talab lill-Viċi Sindku rigward il-heritage trail għat-taraġ ta' Għar Lapsi. Il-Viċi Sindku wieġeb li t-trail qed issir b'mod ħolistiku u mhux għal hemmhekk biss u t-taraġ ser ikun inkluż. Il-Kunsillier Pace semma l-attivita' tal-Mixgħela tas-Salib f'Ħamis ix-Xirka u propona li ssir laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu u jintalbu fondi peress li l-attivita' nfisha hija attrazzjoni turistika għal Malta kollha.

**477.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**477.6.1** Vjal Kulħadd
Is-Sindku qal li bdiet l-ewwel fażi tal-proġett Vjal Kulħadd mill-parti ta' quddiem il-Limestone Heritage, bil-water catchment.

**477.6.2** Xogħolijiet ta' toroq minn IM
Is-Sindku qal li t-triq li jmiss skont il-pjan ta' ħidma hija Triq Blat Il-Qamar. Hu qal li bħalissa għaddej xogħol ta' cables mill-Enemalta minn Triq il-Mitħna sa Triq Bur il-Kbir. Malli t-toroq jerġgħu jinfetħu eventwalment ikun jista' jibda ix-xogħol kif previst.

**477.6.3** Is-Sindku qal li b'riżultat tad-diversi xogħolijiet għaddejjin bħalissa u allura għeluq ta' toroq, ħafna nies qed jiffaċċjaw problemi mit-trasport pubbliku u jibqgħu jistennew stranded fuq il-bus stops. Hu qal li bħala Kunsill tlabna li jkun haw shuttle Service li jwassal in-nies fuq l-istage Żmetta fit-tarf ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi, iżda jidher li ser jibdew iħaddmu ir-rotta mill-bypass.

**477.6.4** Is-Sindku informa li x-xogħol ta' trinkar fiż-żona Kirċippu tlesta u ingħata l-asphalt. Ser jingħalqu wkoll it-trinek fi Triq il-Mitħna, San Ġwann u Rebbiegħa. Hu qal li f'toroq dojoq qed jitlob li r-reinstatement isir il-wisa' kollha tat-triq. Hu qal li x-xogħol li jmiss huwa minn Ta' Kilpa għat-Triq ta' San Niklaw u t-triq trid tingħalaq kompletament peress li t-trinka ser tinqata' fin-nofs minħabba li fil-ġnub għaddejjin servizzi oħra. Hu qal li ser issir laqgħa ta' koordinament għal pjan tat-traffiku.

**477.6.5** Reading Garden

Is-Sindku qal li d-dokumenti ġew mgħoddija lill-BCA u qed nistennew il-go ahead biex ikun jista' jibda ix-xogħol**.**

**477.6.6** Ġnien Mirabel Falzon

Is-Sindku qal li il-ftehim ġie rivedut u ser jiġi ffirmat. Hu qal li talab lill-Indis biex issir manutenzjoni tas-soft area għax qegħda fi stat ta' abbandun. Hu qal li l-parti ta' wara tal-ġnien fejn sar it-tħawwil mill-Kunsill qed tiġi mantnuta u qed issir it-tisqija mill-Kunsill.

**477.6.7** Xogħol ta' bankini mill-PW

Is-Sindku qal li x-xogħolijet tal-bankini fi Triq Dun Manwel Zammit tlestew. Dalgħodu kien hemm laqgħa on site fuq ix-xogħol li jmiss fi Triq Ramija, il-Qiegħa, Żabbarija fejn ġew ittekiljati diversi issues u issa x-xogħol jista jibda. Hu infurma li din il-ġimgħa ser jibda x-xogħol tal-wiċċ ta' Triq l-Għaqba, il-biċċa li kien jonqos wara l-Arka ta' Noe.

**477.6.8** Scaffolding Kappella taċ-Ċwerra

Is-Sindku qal li kien hemm laqgħa mal-uffiċjali tal-Kurja fejn ġie mitlub li tinstab soluzzjoni għall-iscaffolding biex possibbilment jitneħħa mill-iktar fis possibbli. Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kurja qal li ser jinbidlu partijiet li qegħdin l-iktar fi stat ħażin, jitpoġġew spikes għall-kontra l-ħamiem u jitneħħa l-iscaffolding u jsir it-tindif.

**477.7** **Proġetti infrastrutturali mill-Kunsill**

Is-Sindku qal li hemm bżonn isiru żewġ biċċiet bankina: waħda fi Triq San Nikola minħabba problemi rikorrenti ta' parkeġġ li qed joħolqu ostaklu għal tal-linja u vetturi kbar minkejja li hemm linji sofor u anka ġew installati bollards. Hemm bżonn issir estensjoni ta' parti tal-bankina biex il-problema tissolva. Biċċa oħra quddiem il-Mużew tal-Bniet fi Sqaq il-Qajjied, titranġa l-katusa tal-overflow li qegħda ħażin u qed tikkawża għargħar u minflokha jitpoġġa grating. Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru dawn ix-xogħolijiet.

**477.8** **European Week for Waste Reduction (EWWR) – Parteċipazzjoni tal-Iscouts Siġġiewi**

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Charles Vassallo jispjega. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li qed jaħdem b'kollaborazzjoni mal-Kunsilliera Stephanie Vassallo għal din l-inizjattiva. Hu qal li kellhom laqgħa mal-Grupp tal-Iscouts fejn esprimew l-idea tagħhom. Il-Kunsilliera Stephanie Vassallo spjegat fid-dettall. It-tema tal-proġett ser tkun il-WEEE. Hi qalet li ser ikun hemm l-involviment tat-tfal tal-iskola primarja. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li qed jieħu ħsieb l-applikazzjoni.

**477.9** **Tnedija ta' Ktieb għat-Tfal (skema fondi GAL)**

Is-Sindku informa li l-proġett, kemm il-ktieb u anka l-filmati huma lesti u l-claim ġiet sottomessa. Hu qal li ser issir it-tnedija tal-ktieb l-iskola primarja f'Novembru fi 'special assembly' fejn jiġu mistiedna kemm l-awturi tal-ktieb u anka il-Gal Majjistral. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie approvat is-somma ta' €10,000 għal dan il-proġett.

**477.10** **Update mozzjoni (Seduta 476) talba għal Awditjar 2019-2025**

Is-Sindku informa li kien hemm żewġ laqgħat fejn kien preżenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Christopher Farrugia bħala minority leader. Hu qal li ltaqgħu mal-President tal-AKL u laqgħa oħra mal-Awditur Ġenerali fejn ikkonfermaw li l-Kunsilli jsirilhom awditjar indipendenti kull sena minn awdituri indipendenti imqabbdin mill-NAO. L-awdituri mqabbda huma tajbin u reliable u jidħlu f'dettalji biex jaċċertaw li l-awditjar isir tajjeb. Is-Sindku qal li konvint minn dan imma issa li hemm mozzjoni approvata mill-Kunsill, qed jintalab li jkun hemm terms of reference u linja gwida biex isir awditjar. Is-Sindku qal li hemm pjanata laqgħa mal-accountants tal-Kunsill biex jiġi diskuss terms of reference u opinjoni professjonali ta' kif għandna nipproċedu. Hu qal li kull gwida għandha tiġi diskussa u deċiża mill-Kunsill.

**477.11** **Eco-Skola**
Is-Sindku informa li ser ikun hemm laqgħa mal-Kap tal-Iskola mal-Kunsillier Stephanie Vassallo, inkarigata minn EkoSkola u Edukazzjoni. F'din il-laqgħa ser ikun hemm briefing ta' kollaborazzjoni li tista' ssir bejn il-Kunsill u l-Ekoskola u inizjattivi futuri.

**477.12** **Festa Sports 28/09/2025**
Il-Kunsillier Christopher Farrugia talab li jkun hemm bidla fid-data tal-attivita' għas-27 ta' Settembru. Hu talab li jitħejja avviż biex jitla' fuq il-midja soċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet dettalji ta' spejjez involuti. Il-first-aider ser ikun provdut mir-Reġjun Punent.

**477.13** **Strateġija Turiżmu Sostenibbli**
Il-Viċi Sindku preżenta rapport li ġie ċċirkolat lill-Kunsilliera. Hu rringrazja l-membri tas-sottokumitat li ħadmu fuq dan il-proġett u t-tħejjija tar-rapport. Il-Viċi Sindku ta spjega tar-rapport fil-qosor. Hu qal li diġà ġie preżentat lil MTA li intlaqa b'mod pożittiv. Hu qal li l-MTA qed jaħdmu fuq ġbir ta' data simili u qalu li d-dettalji miġbura huma tajbin ħafna. Huma talbu stimi ta' x'qed jintalab biex iressquha għall-approvazzjoni. Is-Sindku propona li dan ir-rapport ta' strateġija jiġi preżentat fil-laqgħa pubblika fis-6 ta' Novembru 2025, fejn jiġu mistednin diversi stakeholders, stabbilimenti fis-Siġġiewi.

**477.14** **Festa Għeneb 2025 – Post-Mortem**
Is-Sindku qal li bla dubju ta' xejn kienet attivita' tajba ħafna. Hu qal li l-ħidma bdiet xhur ilu, rringrazja lill-grupp ta voluntiera kemm membri tal-Kunsill u anka nies mis-Siġġiewi li ħadmu għal sigħat twal b'mod volontarju. Hu qal li din is-sena, il-Kunsill kellu fondi minn skema tas-Segretarjat għall-Gvern Lokali, skema tal-GAL għar-riċerka u l-innovazzjoni fejn stajna wkoll ninvolvu diversi gruppi barranin, u anka fondi mill-MTA għall-promozzjoni. Hu qal li minkejja dan xorta ikun hemm lok ta titjib u l-ġimgħa d-dieħla ser issir laqgħa fejn jiġu diskussi punti li nistgħu intejbu fl-attivitajiet li ġejjin.

**477.15** **Carrying Capacity Report – Reġjun Punent**
Is-Sindku iċċirkola rapport preparat mir-Reġjun Punent. Huwa ġibed l-attenzjoni li dan ir-rapport huwa 'Social Impact Assessment' u mhux 'Carrying Capacity Report' kif imniżżel fl-aġenda. Hu qal li dalwaqt ser nirċievu data mir-Reġjun għat-tnedija tiegħu.

**477.16** **Tismija ta' Toroq**

**477.16.1** Triq ġdida fi Triq ir-Rebbiegħa
Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mill-Kumitat Tismija ta' toroq biex il-Kunsill jipproponi isem għal triq ġdida fi Triq ir-Rebbiegħa kif immarkat fuq il-pjanta murija. Il-Kunsill unanimament qabel li t-triq imsemmija tissemma Triq Ġorġ Agius, isem diġà propost u approvat f'seduta preċedenti.

**477.16.2** Toroq fiż-żona Għar il-Kbir
Is-Sindku preżenta talba minn residenti biex jingħataw isem uffiċjali trejqiet fir-rural minħabba kwestjoni ta' karta t'identita. Is-Sindku preżenta pjanta immarkata tat-trejqiet u propona li: it-Triq minn Għajn il-Kbira sa Triq Inżul ix-Xemx tissemma Triq l-Għar il-Kbir. It-triq minn din imsemmija sa iktar 'il ġewwa tissemma Triq Ta' Laroka, it-triq minn Triq l-Għar il-Kbir u iddur għal Triq Għar il-Kbir tiġi Triq Ta' Wara l-Buskett.

477.17 **Proġetti EU**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li issa jmiss it-tieni event tal-proġett Echogreen f'Budapest, u t-tielet event f'Bari f'Diċembru. Hi talbet lill-Kunsilliera jilħqu jinfurmawha min ser jattendi ħalli wara l-attivita' f'Budapest tibda minnufih l-organizzazjoni tat-tielet event. Hija fakkret li hemm budget ta' fondi riċevuti mill-proġett u min ikun ikkommetta li ser jattendi ikunu saru spejjeż minn din l-allokazjoni.

477.17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill tas-Siġġiewi ġie mistieden jipparteċipa fi proġett Ewropej mill-Kunsill ta' Rocca Fiorita fi Sqallija bit-titlu "HealDworld - Rights Beyond Borders: Human Rights as Pillars of Peace" bejn is-16 u l-21 t' Ottubru. Hija qalet li l-proġett huwa ffinanzjat kollox minbarra t-titjira li trid titħallas mill-parteċipant. Is-Sindku stieden lill-membri tal-Kunsill biex min jixtieq jattendi għandu jinforma minnufih lill-amministrazzjoni ħalli jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

477.17.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġie mistieden jipparteċipa fil-proġett taż-żgħażagħ Erasmus+ fil-Portugall "EUROPElegacyDEMOCRACY" f'Novembru. Is-Sindku talab li ssir sejħa pubblika għal interess għal żgħażagħ bejn it-18 u t-30 sena biex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

477.17.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sindku ser ikun qed jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali Siġġiewi fit-tielet konferenza tal-proġett CERV GreenMove f'Ottubru fil-Kroazja, iffinanzjat mill-UE.

477.17.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser jiġi sottomess mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi proġett Erasmus+ fis-sejħa li ser tagħlaq fl-1 t'Ottubru bit-titlu "MindCraft – Youth and AI in Action".

477.17.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li L-Għaqda Grupp tal-Armar ġiet inkluża fi Proġett Erasmus+ "Youth for the Europe of Tomorrow: Rights and Dialogue" f'Ottubru bħala NGO mil-lokalita' fejn ser jipparteċipaw 4 żgħażagħ u leader. Hija qalet li jkun hemm diversi opportunitajiet għall-għaqdiet iżda dawn iridu jkunu rreġistrati mal-portal tal-UE.

477.18 **Proposta ta' bankina Triq il-Kbira**

Il-Kunsill evalwa d-disinn tal-bankina kif approvat mit-TM. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li mhijiex aċċettabbli li jinbnew bankini fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Dan minħabba li tali arrangament jelimina spazju għall-parkeġġ fuq naħa waħda tat-triq. Skont il-wisa' eżistenti tat-triq, hemm biżżejjed spazju sabiex tinbena bankina fuq naħa waħda, passaġġ għal vetturi (carriageway) u spazju għall-parkeġġ. Il-Kunsill Lokali qabel li ser jippreżenta proposta alternattiva lit-TM għal dan it-tibdil.

477.19 **Riżenja tal-Front-Office Clerk u approvazzjoni għall-sejħa ġdida**

477.19.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-customer care clerk tat ir-riżenja tagħha għal raġunijiet personali u tittermina fit-22 ta' Settembru 2025.

477.19.2 Is-Sindku rringrazja lis-Sra. Mifsud tas-servizz tagħha, u talab li jibda l-proċess ta' ingaġġ ta' Clerical officer fuq skala 15. Il-Kunsill unanimament qabel li jiskatta immedjatament il-proċess ta' ingaġġ.

477.20 **Approvazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-VL tas-Segretarju Eżekuttiv 2025-2026 (PSMC 3.1.9)**

Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-akkumulazzjoni ta' 110 siegħa vacation leave kif permess minn PSMC3.1.9. Huwa qal li dawn is-siegħat ma ġewx meħuda minħabba eżiġenzi tax-xogħol. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir it-tiġdid kif mitlub.

**477.21** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Is-Sindku iddikjara konflitt f'applikazzjonijiet: RG527/25, PA5609/25, PA7901/24. Intalbu dettalji fuq PA05893/25.

**477.22** **Reviżjoni tal-Budget 2025**
Is-Sindku talab li dan l-item jiġi diskuss f'Seduta oħra minħabba li kien hemm xi kambjamenti u qed nistennew mill-accountant tal-Kunsill.

**477.23** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**477.24** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**478.25** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**478.25.1** Is-Sindku spjega li fil-lista tal-iskeda tal-pagamenti hemm żewġ entries: l-allowance tal-Kunsilliera uxxenti Francine Farrugia u l-kunsilliera l-ġdida Stephanie Vassallo maħdumin pro-rata.

**478.26** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**478.26.1** Il-Kunsillier Christopher Farrugia preżenta petizzjoni minn residenti ta' Triq in-Nirien fejn qed jitolbu li tinqala' sleeping police ta' quddiemhom minħabba inkonvenjent ta' storbju u peress li minħabba fiha trakkijiet li jgħaddu minn fuq qed iwaqqgħu materjal. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li din hija sitwazzjoni komuni li qed tiġri kull darba u road humps ikollhom jinqalgħu b'talba minn residenti. Kien hemm qbil unanimu li din tinqala' kif mitlub.

**478.26.2** Il-Kunsillier Farrugia qal li residenti ta' Triq il-Muża talbu biex it-trakkijiet tal-barrieri jiġi mgħoddija minn Triq Ta' Karlozzu minflok minn hemmhekk. Is-Sindku propona li ssir talba lil Trasport Malta rigward din il-proposta anka minħabba l-wisa' tat-Triq.

**478.26.3** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li meta sar il-proġett ta' IM kellha titwaħħal bozza ħdejn iċ-Ċentru Santissima Trinita' u diġà kien hemm preparamenti tal-arblu biex titwaħħal. Hu qal li r-residenti qed jilmentaw minn nuqqas ta' dawl.

**478.26.4** Il-Kunsillier Christopher Farrugia talab jekk hux possibbli li s-Seduti jibdew qabel is-6.00pm.

**478.27** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fit-8.40 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 13 t'Ottubru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 13 t'Ottubru 2025

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |